# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-28 TA' MARZU 2019

**Kawża Nru: 9**

**Rik. Ġur. Nru. 43/2018 RGM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Tarcisio Camilleri (K.I. numru 71364 (M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors maħluf tal-bank rikorrent tal-15 ta' Jannar 2018,** li permezz tiegħu ppermetta u talab is-segwenti:

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Frar 2001 fl-ismijiet ''Bank of Valletta p.l.c. vs Tarcisio Camilleri'' (Citazzjoni numru 1157/97 JRM) (Dok ''A''), is-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimat fis-somma ta' sebgha u sittin elf u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€67,080.36) [ekwivalenti ghal Lm28,797.60] flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1996 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi ghaddew aktar minn hmistax-il (15) sena minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu l-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ili d-debitu tal-intimat illum jammonta ghal erbgha u tmenin elf, mitejn u hamsin ewro u tlieta u sittin centezmu (€84,250.63) flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mill-21 ta' Dicembru 2017 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. ''B1 sa B4'').

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Frar 2001 fl-ismijiet ''Bank of Valletta p.l.c. vs Tarcisio Camilleri'' (Citazzjoni numru 1157/97 JRM) (Dok ''A''), bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimat.

Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors ġuramentat;

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut ippreżentata fis-16 ta' Frar 2018 li permezz tagħha eċċepixxa:

Li permezz taghha qed jammetti t-talba tal-Bank Rikorrent, b'dan pero illi jgib ghall-ahjar attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi l-Bank huwa ben konxju illi din is-sentenza u l-kont bankarju mertu tal-proceduri 1157/98 JRM huma s-suggett u l-mertu ta' proceduri pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti diversament preseduta 1072/07AF, fejn l-esponent qed jitlob lil Qorti tikkundanna lil hemmhekk intimat jirrimborsa l-ammont dovut appuntu bis-sentenza hawnhekk ri-attivata sabiex il-Bank ikun jista' jithallas. Dan kollu jinghad fl-isfond tal-fatt illi l-esponent kien dejjem in buona fede mal-bank tant illi anke trattattivi saru f'dan is-sens.

Illi dan kollu kien frott ta' negozju li mar hazin mat-terz u fejn it-terz ma jridx jerfa' responsabbilita`- aghar minn hekk approfitta ruhu mill-fatt illi mal-Banek jidher l-esponent wahdu.

Tant ghandu x'jirrispondi f'dan l-istadju.

Salv risposta ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża;

Rat il-verbal tas-17 ta' Jannar 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Ikkunsidrat

Illi fis-27 ta' Frar 2001 din il-Qorti diversament preseduta tat sentenza fl-ismijiet premessi fejn il-konvenut ġie ikkundannat "ihallas lill-istess Bank is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, seba' mija u sebgha u disghin lira maltin u sittin centezmu (Lm28,797.60) mitluba fic-Citazzjoni, flimkien mal-imghaxijiet legali fuq dik is-somma, wara li jitnaqqas il-hlas maghmul fil-mori tal-kawza akkont tal-istess imghaxijiet". Dan il-ħlas kellu jsir in vista li l-konvenut naqas milli jħallas *loan* li huwa kien ħa mill-istess bank. L-ebda appell ma ġie intavolat minn dik is-sentenza.

Illi nonostante li għaddew 'il fuq minn tmintax-il sena, is-somma ta' tmienja u għoxrin elf, seba' mija u sebgħa u disgħin lira maltin u sittin ċenteżmu (Lm28,797.60) ekwivalenti għal sebgħa u sittin elf u tmenin Ewro u sitta u tlettin ċenteżmu (€67,080.36) flimkien mal-imgħaxijiet baqgħu ma tħallsux tant li sal-21 ta' Diċembru 2017 l-imgħax awmenta s-somma dovuta lum għas-somma ta' erba' u tmenin elf, mitejn u ħamsin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€84,250.63).

Peress li għaddew aktar minn ħmistax-il sena minn meta ingħatat is-sentenza surreferita, il-Bank rikorrenti intavola r-rikors odjern sabiex jikseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ħalli jkun jista' jeżegwixxi l-imsemmija sentenza. Il-konvenut jammetti li dan l-ammont għadu dovut iżda jispjega li dan il-kont bankarju huwa s-suġġet u l-mertu ta' proċeduri quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Ikkunsidrat

**Artikolu 258 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:-

> Wara –
> (a) l-għeluq ta' ħmistax-il sena minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a) , (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit
>
> [...]
>
> l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.

Ta' interess għal din l-azzjoni huwa l-paragragu (a) tal-Artikolu 253 li jaqra hekk: "Huma titoli esekuttivi: (a) is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta".

Illi l-għan tal-Artikolu 258 huwa li jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien sew minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan peress li kull titolu eżekuttiv għandu perijodu limitat u determinat sa meta jista' jsir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, minn għandu titolu eżekuttiv jista' jirrikorri għall-Artikolu 258 sabiex dak it-titolu jerġa jsir reż eżegwibbli.

Illi kif ġie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Refco Co Ltd et**[1]:

"Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoe` li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati"

Illi kemm ir-risposta ġuramentata tiegħu kif ukoll ix-xhieda tal-konvenut[2] ma jħallu l-ebda ombra ta' dubju li l-kont bankarju huwa fuq ismu biss u hu jidher bħala l-persuna li ssellef il-flus u mhux it-terz kontra minn il-konvenut għandu kawża pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Illi r-rikorrent issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 258 permezz tal-ġurament ta' Johanna Bartolo kif ukoll ta' Roderick Abela[3].

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi l-kawża, billi tieħu konjizzoni tal-ammissjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-Bank rikorrenti skont l-Artikolu 258 (a) tal-Kapitolu 12 u u tawtorizzah teżegwixxi s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċicili fis-27 ta' Frar 2001 fl-ismijiet *Bank of Valletta p.l.c vs. Tarcisio Camilleri* (Ċit Nru 1157/1997 JRM),.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimat

---

[1] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 t'April 2012, Rik Nru 846/2011.
[2] Paġna 26 tal-proċess.
[3] Filwaqt li Johanna Bartolo tat il-ġurament tagħha fuq ir-rikors promotur, Roderick Abela ta l-ġurament tiegħu waqt ix-xhieda minnu mogħtija quddiem il-Qorti fl-4 t'Ottubru 2018.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion LLD**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**